# L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tfakkar il-Vittmi li mietu fl-Aħħar Gwerra Dinjija

**KONFERENZA STAMPA**

Nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 1992, fil-11 a.m. saret konferenza stampa fis-sala tal-Każin tal-Banda L'Isle Adam, ir-Rabat. Se nġibu l-"paper" li ngħatat lill-ġurnalisti f'din il-konferenza stampa, fejn turi l-ħsieb tal-Kumitat.

**INIZATTIVA**

Xhieda ta' kemm il-Fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina hi attiva, hi din l-inizjattiva li ħadet biex fir-Rabat jitwaqqaf Monument għal daw in-nies li tilfu ħajjithom matul l-aħħar gwerra dinjija (1939-1945). Jiġifieri, biex infakkru l-50 Anniversarju għal dawk l-eroj Maltin.

Forsi tidher xi ftit stramba li dan il-Monument se jsir bl-inizjattiva ta' Fratellanza meta fil-fatt il-Fratellanzi Maltin kull ma baqgħalhom hu l-isem u din hi l-prova kemm hi ħajja u attiva din l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Din il-Fratellanza tant hi organizzata u aġġornata għaż-żmenijiet tal-lum, dejjem skond it-tagħlim tal-Knisja u bl-approvazzjoni ta' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi Maltin. Matul is-sena tkun f'kuntatti ma' ċentri Internazzjonali Ġużeppini. Frott ta' dan kien is-sehem attiv li l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ħadet meta rrappreżentat lil Malta fil-ħames Simposium Internazzjonali fuq San Ġużepp li sar f'Settembru 1989 fil-Belt kapitali tal-Messiku. Barra minn hekk, illum għandna konferma li se nattendu għas-Sitt Simposium Internazzjonali li se jsir f'Ottubru 1993 fil-Belt eterna ta' l-Italja, Ruma.

**11 TA' OTTUBRU 1942**

F'din il-ġurnata, 11 ta' Ottubru 1942, fir-Rabat kienu mietu mhux anqas minn 12-il persuna f'ġurnata waħda, għalhekk il-kxif tal-Monument se jsir nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru 1992, filgħodu. Din tkun il-ġurnata li tgħaqqad il-50 sena mill-mewt ta' dawn in-nies limiet kollha fl-inħawi ta' bejn il-Knisja ta' Duna u l-Pitkali ta' dak iż-żmien. Għal din ir-raġuni għamilna t-talba lil min hu responsabbli biex il-Monument jitwaqqaf qrib kemm jista' jkun ta' fejn dawn l-eroj ħallew ħajjithom.

**L-ISKULTUR ANTON AGIUS**

Il-kompożizzjoni u l-idea tal-Monument huma tal-Prof. Anton Agius, mhux biss skultur Rabti iżda hu membru attiv fil-kommunità Ġużeppina tar-Rabat. Il-Monument li fih erba' figuri u biċċa minn ajruplan, se jkun ta' daqs normali.

Ix-xogħol ta' dan il-Monument se jsir kollu "gratis" mill-membri ta' l-istess Arċikonfraternità ta' San Ġużepp flimkien mas-Soċi tal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam, li offriet il-każin għad-dispożizzjoni ta' dawn il-festi u biex il-monument jinħadem fil-bitħa ta' l-istess Każin, kif fil-fatt se jsir.

Il-bażi jew pedestall ta' dan il-monument li se jkun għoli ta' xi żewġ metri hu xogħol fil-ġebla Maltija mill-kuntrattur is-Sur Lorry Mifsud, li hu membru tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, u li se jaħdmu b'xejn.

**KONTRIBUZZJONIJIET**

Għalhekk ħafna mix-xogħol se jsir b'xejn, kif diġà spjegajna iżjed 'il fuq, iżda l-ispejjeż xorta waħda jitilgħu, u jkun hemm bżonn ta' mhux anqas minn Lm3000. Dawn iridu jinġabru.

1 minn dawn in-nies li se jkollhom

isem xi ħadd minn tal-familja minqux fuq dan il-Monument. Iżda b'dawn biss ma jistax ikun li nilħqu l-ispiża meħtieġa.

2 se nibagħtu appelli f'kull dar li tinsab fir-Rabat biex joffru l-għajnuna finanzjarja tagħhom, u

3 mingħand xi ditti kummerċjali.

Il-kontribuzzjonijiet se jinġabru minn nies awtorizzati jew min irid jista' jibagħthom fl-indirizz li se jkun fuq l-envelope. Inkella wieħed jista' wkoll ipoġġihom f'kull fergħa f'Malta u Għawdex tal-Mid-Med Bank Ltd fejn hemm fond miftuħ għal dan il-għan. In-numru tal-kont hu 584142421. Kontribuzzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll bil-posta lill-Kaxxier, Monument tal-Gwerra, 5, Triq San Ġużepp, Rabat RBT 12. Cheques għandhom jinħarġu f'isem 'Monument tal-Gwerra, Rabat'. F'każ ta' xi diffikultà wieħed jista' jċempel 454757.

**WIRJA**

Fuq l-istess suġġett se tittella' wirja ta' ritratti u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Gwerra msemmija fi-Rabat. Din se ssir fis-Sala tal-Każin tal-Banda L'Isle Adam minn nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru sa nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 1992. Organizzata miż-Żgħażagħ Rabtin Ġużeppini.

**KUMITAT ORGANIZZATTIV**

Chairman: Dominic Micallef; Segretarju: Antonio Bartolo; P.R.O.: Anthony Casha; Kaxxier: Felix Zahra; Membri: Michael Agius, Twanny Deguara, Mro. Joe Galea, Carmel Micallef, Sunny Micallef, Joe Zerafa; Konsulenti: Perit Joe Agius Bonello, Prof. Anton Agius, Kuntrattur Lawrence Mifsud; Direttur Spiritwali:Patri Gwardjan Martin Coleiro OFM



*Mix-xellug: Prof. Anton Agius l-Iskultur li ħadem il-monument, Michael Agius, Anthony Casha PRO, Patri Gwardjan Martin Coleiro OFM Direttur Spiritwali, Dominic Micallef Chairman, Sonny Micallef, E.T. it-Tabib Ċensu Tabone President ta' Malta u s-Sinjura tiegħu Marija, il-Perit Joe Agius Bonello, Mro. Joe Galea, Twanny Deguara, Joe Zerafa, Karmenu Micallef, Lawrence Mifsud il-kuntrattur li hadem il-basi tal-monument, Felix Zahra Kaxxier, Antonio Bartolo Segretarju u Paul Azzopardi.*